

L-ewwel darba fuq l-IMI? Faċli titgħallem!

- ✓ Staqsi lill-predeċessur tiegħek jew lill-koordinatur tal-IMI tiegħek biex jirregistrak bħala utent tal-IMI.
- ✓ **Illogġja u ċċekkja:**
 - l-attività tal-awtorità tiegħek fl-IMI
 - il-menu "Il-kompli tiegħi"
 - awtoritajiet f'pajjiżi oħra li jaf tkun trid tiskambja xi informazzjoni magħhom
- ✓ Żgura li tal-anqas kollega wieħed ikun reġistrat bħala **back-up** fl-IMI u 'jħassar' kwalunkwe utenti li m'għadhom jaħdumu bl-IMI.
- ✓ Jaf ikollok bżonn xi **taħriġ** dwar meta u kif tuża l-IMI:
 - Ikkuntattja l-koordinatur tiegħek biex tikseb aktar informazzjoni dwar l-IMI u s-sessjonijiet ta' taħriġ ippjanati
 - Iċċekkja l-materjal ta' taħriġ onlajn fil-[websajt tal-IMI](#) tal-Kummissjoni
 - Staqsi lill-koordinatur għall-aċċess għall-ambjent ta' taħriġ dwar l-IMI; il-post fejn tista' tiprova s-sistema tal-IMI



Uża l-IMI fix-xogħol tiegħek ta' kuljum

- ✓ **SKAMBJA L-INFORMAZZJONI PERMEZZ TAL-IMI**

Minnex ċert jekk dan il-gwida tat-turisti Portużiż ipprovdiekk informazzjoni valida. Se nistaqsi lill-kontraparti Portużiż tiegħi




Tista' **titlob rikjesti għal informazzjoni** permezz tal-IMI dwar oqsma legali differenti, skont id-drittijiet ta' aċċess tal-IMI tiegħek (eż. kwalifikati professjonal, servizzi, issekondar ta' ħaddiem). Jekk ikollok mistoqsijiet jew dubji dwar professjonist Ewropew partikolari, fornitur tas-servizzi jew ħaddiem issekondat, tista' tikkuntattja lill-awtorità msieħba tiegħek fl-Istat Membru l-ieħor bil-lingwa tiegħek.

Tirċievi notifikasi bl-email kull darba li awtorità oħra tibgħat tiegħi rikjesta permezz tal-IMI. Qabel ma taċċetta rikjesta, iċċekkja **l-iskadenza** proposta u biddilha jekk ikun hemm bżonn. Jekk jogħġebok żgura li twieġeb għall-mistoqsijiet kollha sad-data tal-iskadenza.

- ✓ **ŻO MM LILL-AWTORITÀ TIEGħEK AĠġORNATA**



Żgura li l-informazzjoni rreġistrata fl-IMI dwar l-awtorità tiegħek u l-utenti tagħha hi **aġġornata** ta' spiss (eż. jekk utent jitlaq l-awtorità u jeħodlu postu kollega ieħor). Irreġistra l-kolleġi kollha li jistgħu jgawdu mill-IMI.



Fid-direttorju tar-reġistri tal-IMI, l-awtoritajiet jistgħu jirregistraxx informazzjoni dwar **reġistri** onlajn, pubbliċi u aċċessibbli għal kulħadd dwar servizzi u professjonijiet differenti. Billi żżomm din l-informazzjoni aġġornata tista' tevita rikjesti għal informazzjoni li setgħu nkisbu direttament minn regiestrax onlajn.

Aktar sorsi ta' informazzjoni

Tista' tara l-filmat dwar **I-IMI** bil-lingwa tiegħek. Dan jippreżenta kif taħdem I-IMI b'mod konċiż u divertenti: http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/index_mt.htm

Il-websajt tal-IMI, b'**aċċess** għas-sistema reali u għal ambjent ta' taħriġ dwar I-IMI: <http://ec.europa.eu/imi-net>

Materjal ta' taħriġ li tista' tuża biex titgħallem waħdek:
http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/using_imi/index_mt.htm

Jekk trid issir taf x'jaħsbu utenti oħra tal-IMI dwar is-sistema, iċċekkja r-riżultati tal-**istħarriġ tal-utenti**:

http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/docs/All%20user%20survey%20-%20for%20CAs.pdf

Informazzjoni u kwistjonijiet relatati **mal-protezzjoni tad-dejta** fl-IMI:
http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/docs/data_protection/data_protection_guidelines_summary_mt.pdf

Lil min għandek tikkuntattja?



Il-koordinatur nazzjonali tal-IMI tiegħek jista' jgħinek bi kwalunkwe kwistjoni relatata mal-IMI:
http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/contact/index_mt.htm



Il-Helpdesk Nazzjonali**** tiegħek tiprovdik b'għajnuna teknika bis-sistema tal-IMI: wara li tillogga fl-IMI, ikklikkja "Helpdesks Nazzjonali", fir-rokna ta' fuq fil-lemin tal-paġna.